MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Numru. 109/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
versus
Sharlon Pace**

Rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Sharlon Pace ta' 23 sena, bin Charles u Carmen nee Difesa, imwieled San Giljan, fid-29 ta’ Frar 1980 u residenti Victory Flats, Triq il-Vitorja Gzira detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 166480 (M).

Akkuzat talli fis-7 ta' Dicembru, 2003 u fil-granet ta’ qabel fil-Monti tal-Floriana u tal-Belt Valletta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda
I. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' Manchester United football jerseys u items ta’

Ferrari ecc u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cjoe’ Manchester United football jerseys u items ta’ Ferrari ecc bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra cjoe’ Manchester United PLC ta’ Sir Matt Busby Way, Old Trafford, Manchester, M16 ORJ, UK u Nike International Limited, ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon 97005-6453 USA, u socjetajiet ohra li taghhom is-socjeta' Mamo TCV Advocates rapprezentata minn Dr. Antoine Camilleri et hija rapprezentanti, protetti bil- jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Il-Qorti kienet mitluba wkoll biex fid-diskrezzjoni taghha, f’kaz ta' htija, thassar il-licenzia jew inkella tissosspendi tali licenzia ghal xi zmien hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta
II-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz f’kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti kif ukoll, jekk ikun il-kaz tikkundanna lil Sharlon Pace ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontempkati fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha tal-process, il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex il-proceduri jkunu sommarji, il-qbil ghal proceduri sommarji ta' l-imputat, il-prezentazzjoni tal-kwerela, kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.
Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli partijiet dwar il-piena.
Ikkunsidrat

Li galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migiuba kontrih, 1- imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 298 (1) (f), 298 B (l) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 31 tal-Kap. 441 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-fedina penali hija netta. Qieset ukoll ix-xhieda li ta l-ispettur Bernard Zarb fid-9 ta' Gunju 2004 li minnha jidher li l-imputat seta' haseb li jimporta biss ma setax wara dak li kien qallu l-burdnar ghalkemm il-Qorti qed taghmilha cara li .l-injoranza tal-Ligi mhix skuza. Il-Qorti nnutat ukoll li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija. Fid-dawl ta' dan kollu, fil-fehma tal-Qorti jezistu cirkostanzi biex ghal fini tal-ksur ta' l-artikolu 298 jista' japplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 flok tinfliggi piena ta’ habz. Ghaldaqstant ghall-htija misjiuba ta' l-artikoli msemmija komplessivament, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' Lm500 (hames mitt lira Maltija). Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska ta' l-esebiti kollha u d-distruzzjoni taghhom taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.
Minhabba li ma nhatar l-ebda espert il-Qorti mhix qed tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------